

Brussell, 7 ta' Settembru 2015
(OR. en)

11127/15

CO EUR-PREP 35

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kunsill Ewropew (15-16 ta' Ottubru 2015) - Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li jkollu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentat mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

o

o o

I. MIGRAZZJONI

B'segwitu għall-proposti tal-Kummissjoni u l-ħidma intensiva mwettqa waqt il-Kunsill ĠAI tal-14 ta' Settembru u t-8/9 ta' Ottubru, il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni sostanzjali dwar il-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha. F'dan il-kuntest, huwa ser jieħu wkoll kont tat-tnejjijiet għas-Summit tal-Belt Valletta u s-segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju dwar konferenza ta' livell għoli dwar ir-rota tal-Balkani tal-Punent.

II. PUNTI OĦRA

B'segwitu għal-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2015, il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tad-diskussjoni dwar ir-rapport dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Il-President tal-Kunsill Ewropew ser jipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-analiżi teknika li twettqet wara l-preżentazzjoni mill-Prim Ministru tar-Renju Unit tal-pjanijiet tiegħu għal referendum (in/out) fir-Renju Unit. Il-President ser jistabbilixxi wkoll l-intenzjonijiet tiegħu għall-proċess li għandu quddiemu.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' politika barranija.